MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 22/2017

It-Tnejn 24 ta' Jannar 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sinjura Marija Saliba - Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Iċ-Chairperson qalet li l-membru S Salamone Reynaud kien skuzat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 21/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

22.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

22.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

22.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 22.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

22.3.1 Iċ-Chairperson qalet illi l-bankini li saru fi Triq Ulisse ma tnaddfux. Il-Kumitat qabel illi jgħid lill-kuntrattur biex inaddafhom.

22.3.2 Iċ-Chairperson staqsiet min għamel *patching* fi Triq ix-Xagħra. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma għamilx *patching*.

22.3.3 Rigward il-problema tat-trasport tal-iskola għat-tfal tal-Kinder u Pre-Kinder iċ-Chairperson kellmet xi ġenituri u sabuha bi tqila biex jakkumpanjaw lill-uliedhom l-iskola minħabba raġunijiet personali. Il-Kumitat qabel li jitlob kwotazzjonijiet għal dan is-servizz li jkun jinkludi persuna li takkumpanjahom.

22.3.4 Is-Sindku qal illi talab għal żewġ ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni f'Marsalforn.

22.3.5 Iċ-Chairperson qalet li hemm xi dwal fi Triq Santa Marija mingħajr il-parti ta' fuq peress li ġarrbu ħsarat bil-maltemp. Il-Kumitat qabel li jitkellem mal-Inġinier dwar din il-problema.

## 22.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

22.4.1 Id-Deputat Chairperson F Fenech staqsa l-perijodu tal-multa rigward il-ħajt ta' Trieste fi Triq il-Qbajjar. Il-Kumitat qabel li jistaqsi lill-Perit.

22.4.2 Id-Deputat Chairperson F Fenech ilmenta dwar kif għadha ma tteħdietx deċiżjoni fuq is-sit fejn għandha ssir iz-*zebra crossing* fi Triq il-Qbajjar. Hawnhekk tqajmet diskussjoni fejn ġie deċiż li z-*zebra crossing* issir faċċata ta' Triq il-Luzzu fejn kienet diġa saret proposta u l-Perit kien għamel il-pjanti tagħha wkoll. Kien hemm qbil illi l-arbli tal-*belisha beacon* jkunu bil-*push button*.

22.4.3 Il-Kumitat qabel illi jistaqsi lill-Perit dwar skema ta' *reserved parking* għar-residenti peress li saret problema kbira għar-residenti biex jipparkjaw.

## 22.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

22.5.1 Ilment nru. KAM 32/2016 – R Bonello
Talbet biex isir *patching* fi Triq Ħabel it-Twil. Il-membru S Grech staqsiet dwar is-sitwazzjoni tal-*patching* u t-tabelli. Is-Sindku qal li l-problema dwar il-*patching* għadha hemm u għaldaqstant bħalissa ma jistax isir. Semma wkoll il-punt illi meta tissolva l-problema għandha ssir stima tal-Perit qabel ma jsir il-*patching.*

22.5.2 Ilment nru. KAM 33/2016 – J Camilleri
Talab biex isir traqqiegħ fi Triq il-Qolla s-Safra. Approvat li jsir meta tiġi solvuta l-problema.

22.5.3 Ilment nru. KAM 34/2016 – M Grech
Talab għal *double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx 64 Dar Għar Qawqla. Il-Kumitat qabel illi jitlob lil Transport Malta.

22.5.4 Ilment nru. KAM 01/2017 – R Tabone
Traqqiegħ fi Triq il-Qbajjar quddiem Tal-Grazzja Crt. Approvat li jsir meta tiġi solvuta l-problema.

22.5.5 Ilment nru. KAM 02/2017 – M Saliba Chairperson

- Talbet biex isiru tlett bankijiet oħra tal-konkos fil-Menqa u wieħed twil mal-ħajt. Il-Kumitat qabel li tintalab kwotazzjoni biex isir dan ix-xogħol u jinġab il-materjal mill-Ministeru għal Għawdex.
- Żewġ lampi ġodda waħda fi Triq il-Wied fejn tal-Electra u oħra fi Pjazza San Pawl fejn il-knisja. Il-Kumitat qabel li għandha ssir *site visit* mal-Inġinier.
- *Spotlight* temporanju fejn il-knisja għall-festa ta' San Pawl. Il-Kumitat qabel li jqabbad lil Michael Bugeja sabiex jagħmel żewġ *spotlights*.
- Isir sellum tal-baħar mill-kbar fejn l-Otters. Il-Kumitat qabel li dan għandu jsir mill-ħaddiema tal-Beaches.

22.5.6 Is-Sur D Cutajar talab sabiex isir traqqiegħ fi Triq ix-Xagħra peress li qed issirlu ħsara fil-faċċata. Approvat li jsir meta tiġi solvuta l-problema.

22.5.7 Iċ-Chairperson issuġġeriet li jsiru *parking bays* fi Triq Ulisse. Il-Kumitat qabel li jitlob lil Transport Malta. Ġie deċiż li ladarba jingħata l-permess jinżebgħu biss il-kantunieri ta' dawn il-*bays*.

22.5.8 Il-membru S Grech qalet biex tinżebagħ mill-ġdid STOP mal-art fi Triq Barda peress li dik li kien hemm parti minnha ġiet taħt il-bankina li saret dan l-aħħar.

22.5.9 Is-Sindku qal li avviċinawh biex issir bozza ġdida bejn l-Otters u l-Gambero. Il-Kumitat qabel li għandha ssir *site visit* mal-Inġinier.

22.5.10 L-Inġ. T Galea f' isem l-Arka Foundation talbet permess biex isiru l-*car boot sales* f' dawn id-dati:
Marzu 5, April 2, Mejju 7 u Ġunju 4 - 2017. Il-Kumitat approva dawn id-dati.

22.5.11 Il-Fondazzjoni OASI talbet permess sabiex isir Riflessi Sajfin 2017 nhar is-Sibt 5 t'Awwissu fil-Menqa ta' Marsalforn. Il-Kumitat approva din it-talba.

22.5.12 Rigward is-sitwazzjoni tal-Kunsill dwar il-*patching* is-Sindku qal illi l-Kumitat għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex biex jagħmel *patching* f'Marsalforn. Il-Kumitat qabel.

22.5.13 Il-membru M Cefai ssuġġerixxa biex dik il-parti fejn hemm il-ħamrija fi Triq il-Qbajjar tiġi żviluppata għal *recreational area*. Il-Membru S Grech ipproponiet *gazebo* li tkun utli għal min ikun jistenna tal-linja. Il-Kumitat qabel li l-Perit jagħmel *sketch* għall-approvazzjoni.

22.5.14 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat li n-Nutara mqabbda biex tiċċekkja min huwa s-sid tal-proprjeta ta' ħdejn il-Herbees qaltilha li ma sabet xejn. Hija ssuġġeriet li xi ħadd mill-Kumitat imur fl-Uffiċċju tal-Artijiet u jidentifika l-post u jiġi ċċekkjat minn hu s-sid.

22.5.15 Għall-laqgħa ġie mistieden jattendi s-Sur Mario Cassar dwar il-mafkar tal-gwerra. Ippreżenta *artist impression* tal-mafkar. Dan ser isir quddiem ta' Pennellu u l-kobor tiegħu ser ikun 2 metri x 3 metri. Id-Deputat Chairperson F Fenech qal illi ser tittieħed l-aħjar *area*. Il-membru S Grech semmiet il-punt li dan il-mafkar ma jridx itellef l-attivitajiet kulturali li jsiru fis-sajf f'dan il-post. Il-Kumitat qabel illi jagħmel *site visit* flimkien mal-artist u mal-Perit Mariella tal-Ministeru għal Għawdex. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tagħmel dan l-appuntament.

22.5.16 Għall-laqgħa attendiet is-Sinjura H Markstein fuq talba tal-Kumitat. Hija spjegat ix-xewqa tagħha li ttella' attivita f'Settembru 2018 fil-parti ta' ħdejn il-*breakwater*. Hija spjegat fid-dettall u wieġbet għall-mistoqsijiet li sarulha mill-membri. Prattikament din l-attivita` ser tkun tikkonsisti fi ktiba tal-kelma PAX bil-ġebel u *performance*. Wara li rringrazzjat lill-membri hija ħarġet mill-laqgħa. Il-Kumitat qabel li ssir din l-attivita`.

22.5.17 L-Inġinier Joseph Bajada mill-Ministeru għal Għawdex talab lill-Kumitat biex jipprovdilu ż-żebgħa sabiex tkun tista' ssir il-manutenzjoni. Il-Kumitat qabel illi joħroġ kwotazzjoni.

22.5.18 Is-Sur Lawrence Mizzi mid-Dipartiment tal-Beaches bagħat stima ta' €365 għall-materjal biex ikun jista' jsir it-taraġ ħdejn tal-*water polo*. Il-Kumitat qabel.

22.5.19

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Il-Perit Saviour Micallef għan-nom ta' John Cefai għal kiri ta' *sunbeds* u *umbrellas* fil-Bajja ta' Marsalforn (wara l-Menqa) Sajf 2017. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

## 22.6 *One-way* Triq il-Qbajjar

22.6.1 Dan l-*item* ma ġiex diskuss u ser jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

## 22.7 Mozzjonijiet

22.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 22.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.8.1 Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta' Frar 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-ħin ġie deċiż b'vot unanimu.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Marija Saliba | Josianne Cassar |
| Chairperson | Deputat Segretarju Eżekuttiv |